# Il-Qniepen il-Qodma tal-Knisja ta' San Pawl tal-Munxar



*Kitba ta'* **Victor Vella Muskat**

## Daħla

Din is-sena jaħbat it-tmenin anniversarju minn meta, fl-1925, il-knisja tal-Munxar ġiet mogħtija, minn Dun Ġużepp Galea (tal-Oħxon) minn Sannat, tliet qniepen li qabel kienu tal-knisja (illum Bażilika) ta' San Ġorġ. Dawn il-qniepen kienu ġew mibdula ma' sett ġdid ta' erba' qniepen fl-1954.

## L-Ewwel Qanpiena

Nafu mill-istorja tal-knisja tar-raħal li l-imgħallem Wiġi Vella (tal-Qanfuda) fil-11 ta' Novembru 1916 beda jibni is-sagristija biex, sa ma titlesta l-knisja, tkun tista' sservi ta' kappella. Ix-xogħol tas-sagristija spiċċa fis-6 ta' Jannar, 1917 u fl-24 ta' Jannar tal-istess sena, festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, bdiet tintuża għall-quddies u funżjonijiet reliġjużi oħra[1].

Wieħed għandu għax jaħseb li r-rettur ta' dan il-knisja, Dun Spir Gauci[2], għamel ħiltu kollha sabiex jikseb xi qanpiena sabiex permezz tagħha jkun jista' jsejjaħ lill-fidili għat-talb, għas-smiegħ tal-Kelma t'Alla u għal servizzi oħra reliġjużi. Sa issa għadu ma rnexxilna nsibu ebda tagħrif mnejn u meta ġiet akkwistata din il-qanpiena. Hu ċert imma li din il-qanpiena kienet diġà fil-kampnar tal-knisja, dak tan-naħa tar-Rabat, qabel l-1925. Din il-qanpiena kienet magħrufa mill-poplu tal-Munxar bħala 'Iż-Żgħira'.

## Qniepen Oħra

La Dun Spir u lanqas il-poplu tal-Munxar ma kienu kuntenti jaraw il-kampnari tagħhom battalin mill-qniepen li għalihom kienu nbnew. U għalhekk beda t-taħbit u l-istinkar sabiex b'xi mod jew ieħor itemmu l-ħolma tagħhom li jkollhom knisja fornuta b'kollox.

Dik il-ħabta, xi parroċċi Għawdxin u Maltin (Qala, Mellieħa, Ħal Balzan) kienu qed jibdlu l-qniepen qodma li kellhom ma' oħrajn ġodda. Fost dawn insibu l-knisja parrokkjali (illum Bażilika) ta' San Ġorġ tar-Rabat ta' Għawdex, li fl-1925 ordnat sett ta' ħames qniepen minn fabbrika f'Milan, l-Italja. Fl-istess waqt il-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex ta l-kunsens tiegħu sabiex il-qniepen il-qodma jinbiegħu ħalli l-flus tagħhom ikunu jistgħu jgħinu fix-xiri tal-qniepen il-ġodda.[3]

## Dun Ġużepp Galea (tal-Oħxon)



Dan is-saċerdot mir-raħal ta' Sannat huwa meqjus min-nies tal-Munxar bħala wieħed mill-benefatturi l-kbar tal-knisja tagħhom u dan minħabba n-numru kbir ta' opri li għamel u li ħallas għalihom minn butu. Jingħad li Dun Ġużepp kien ħabib kbir ta' Dun Spir[4] u għalhekk ma setax jonqos li ma kienx jaf bix-xewqa tal-Munxarin li jgħammru l-kampnari tagħhom b'sett qniepen. Probabbli, għalhekk, li kif sar jaf bl-offerta għall-bejgħ tal-qniepen ta' San Ġorġ huwa kien pront juri l-interess tiegħu fl-akkwist ta' tlieta minnhom.

Dawn it-tliet qniepen, li kienu fil-kampnar tal-lemin (dak tal-lvant)[5], nxtraw minn Dun Ġużepp għas-

somma ta' mitt lira (£100) u ġew mogħtija lill-knisja tal-Munxar fil-15 ta' Ottubru, 1925. Sa ftit żmien ilu ma' wieħed mill-pilastri tal-faċċata tal-knisja (dak l-eqreb lejn ir-Rabat) kien hemm irħama li tfakkar din l-għotja.

## Il-Qniepen ta' San Ġorġ




Imiss issa li nagħtu xi ħjiel storiku dwar il-qniepen li nġiebu minn San Ġorġ. Iż-żgħira fosthom ("Ta' Qabel Iż-Zgħira" fil-Munxar) kienet tiżen 156 ratal u kien ħadimha l-fonditur Sqalli Ferdinando Leotta fl-1820 għal 65 skud. Il-kbira fosthom kienet nfurmata mill-ġdid fl-1827, peress li qabel kienet ixxaqqet, u ġiet imbierka fil-knisja ta' San Publiju l-Furjana mill-Isqof Publiju Marija Sant fis-17 ta' Lulju, 1827 u kienet issemmiet Mariae-Fortunati-Salvatoris. Kienet tiżen madwar 9 qnatar. Il-mezzana fosthom kienet inħadmet mill-brunżara Marco Morello u Giovanni Antonio Tanti fl-1767, u kienet tiżen madwar 8 qnatar u kienet qamet madwar 951 skud.[6]

## Restawr tal-Qanpiena l-Kbira



Mir-reġistri tal-kontijiet miżmuma fl-Arkivju tal-Parroċċa tal-Munxar jirrizulta li l-qanpiena l-kbira, li allura kienet tiżen 9 qnatar, kellha xi difetti u kien jinħtiġilha tintbagħat Malta għand 'il-Corporation' (probabilment id-Dockyard Navali) għar-restawr. Dan ir-restawr qam sitt liri (£6) u ġie mħallas fid-29 ta' Ottubru 1925[7]. Il-ġarr tal-qanpiena mill-Marsa għal Għawdex sar minn Salvu Xuereb (ta' Pupull) minn Għajnsielem u qam nofs lira (50ċ)[8], filwaqt li l-ġarr tal-qanpiena mix-Xatt ta' Għawdex sal-Munxar sar minn Ġamri Bajada 'Ta' Ċella', li tħallas tliet xelini (15ċ) ta' xogħlu[9].

## Tlugħ fil-Kampnari

Kien jonqos issa li dawn il-qniepen isibu posthom fil-kampnari tal-knisja. Biċċa xogħol ta' ħsieb u ta' periklu, peress li fiż-żmien li qed nitkellmu dwaru kull xogħol meħtieġ kien irid isir bis-saħħa tad-dirgħajn jew tal-bhejjem. Il-kelma 'inġenji' kienet għadha ma sabitx postha fl-ilsien Malti. Għalhekk kull biċċa xogħol, biex tirnexxi u titwettaq mingħajr għelt, riedet tkun studjata tajjeb u merħija f'idejn min kien kapaċi u tas-sengħa. Dun Spir għalhekk inkariga lill-imgħallem bennej Vitor Vella (tal-Qanfuda)[10], li kien jogħod tefgħa ta' ġebla bogħod mill-Munxar, fi Triq Santa Dminka ħdejn il-knisja ta' San Kalċidonju, sabiex jieħu ħsieb itella' u jorbot il-qniepen f'posthom.



F'dik il-ħabta Vitor kien qed jibni l-knisja Bażilika 'Ta' Pinu'. Wieħed għandu għax jifhem li fil-jiem ta' qabel iċ-ċerimonja tat-tberik huwa, flimkien ma' xi ħaddiema tiegħu, ġew diversi drabi l-Munxar sabiex ilestu l-armar meħtieġ biex il-qniepen ikunu jistgħu jittellgħu u jitqegħdu fil-kampnari. Billi s-saqajn tal-kampnari huma xi ftit dgħajfin, wieħed ried ikun zgur li ma ssirilhom ebda ħsara u ma jsiru ebda korrimenti waqt l-operazzjoni tat-tlugħ.

Il-15 ta' Ottubru inżerta jum fost il-ġimgħa, eżattament il-Ħamis. B'danakollu wieħed għandu għax jobsor li l-poplu kollu tal-Munxar kien preżenti quddiem il-knisja biex jassisti għall-'konsagrażżjoni' tat-tliet qniepen mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mikiel Gonzi, isqof ta' Għawdex, u bis-saħħa ta' dirgħajhom u tal-bhejjem tagħhom jgħinu fil-ġbid tal-ħbula biex il-qniepen ikunu jistgħu jiġu mtellgħa f'posthom. Il-qanpiena l-kbira tpoġġiet fil-kampnar tan-naħa tad-dar tal-kappillan, filwaqt li t-tnejn l-oħra ġew imtellgħa fil-kampnar l-ieħor, fejn diġà kien hemm il-qanpiena ż-żgħira. Iċ-ċerimonja tat-tberik infetħet b'diskors tal-okkażżjoni mill-Arċipriet tal-Katidral Mons. Alfons Maria Hili u spiċċat bi trattament żgħir lil Mons. Isqof. Vitor tħallas lira (£1) tal-inkarigu[11].

## Fejn spiċċaw il-qniepen

Mis-sett ta' erba' qniepen li oriġinarjament kien hemm fil-kampnari, it-tlieta li nġiebu minn San Ġorġ illum ma fadal xejn minnhom. Fl-1954 tniżżlu mill-kampnari biex jinbigħu u jiddewbu għall-bronż. Mid-dħul tal-bejgħ tagħhom tħallset ir-raba' qanpiena (ta' wara l-kbira).[12]





Il-qanpiena ż-żgħira, l-ewwel qanpiena li kellha l-knisja tal-Munxar, fi Frar 1946 inbigħet lil Dun Ġużepp Farrugia (Bejlek) fil-kwalità tiegħu bħala rettur tal-knisja ta' Sant'Anton, ix-Xagħra u dan fuq ordni tal-Eċċellenża Tiegħu Mons. Ġużeppi Pace, isqof ta' Għawdex. Din il-qanpiena kienet inbigħet bil-prezz ta' għaxar liri (£10).[13] Feliċ Debrincat, it-tifel tas-sagristan Ġamri, kien ġarrha bil-karettun mill-Munxar sa l-isptar Victoria fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat sabiex jikkonsenjaha lil Dun Ġużepp Farrugia[14] (Bejlek), li f'dak iż-żmien kien jaqdi wkoll d-doveri ta' kappillan tal-istess sptar.

Din il-qanpiena spiċċat għalhekk mdendla fi speċi ta' arkata li kienet mibnija fuq iċ-ċinta tal-faċċata ta' din il-kappella. Din il-qanpiena damet issemma' leħinha mar-raħal tax-Xagħra sal-1985 meta, minħabba li ma kienetx għadha fi stat tajjeb, tniżżlet minn postha u ġiet mibdula b'sett ta' tliet qniepen ġodda.[15] Illum din il-qanpiena tinsab ippreservata fil-ġnien li hemm fuq in-naħa tal-punent tal-knisja u tinsab imdendla fl-istess 'kampnar' li fih kienet ġiet imqegħda oriġinarjament.[16] Dan il-kampnar kien inħatt biex jinbena ieħor ġdid fuq il-ġenb tal-lvant ta' din il-kappella.

---

<u>Noti:</u>

[1] ĠUŻEPPI CURMI, *It-Twaqqif tal-Parroċċa*, "id-Dawl" nru 2 (1984), paġ.9.

[2] Dun Spir Gauci kien ġie maħtur rettur ta' din il-knisja mill-Isqof Djoċesan Mons. Ġ.M. Camilleri fit-23 ta' Frar 1916 u dam iservi lill-poplu tal-Munxar sal-1947, meta kellu jirriżenja minħabba saħħtu.

[3] ANON, *Dati Importanti fl-Istorja tal-Katidral*, "Għid tal-Assunta" (Awissu 1969), paġ.6.

[4] PAUL CURMI, *Bijografiji, Dun Ġużepp Galea*, "id-Dawl" nru 15 (Lulju-Diċembru 1990), paġ.3.

[5] A(rkivju) E(piskopali) G(ħawdex) - Rikors nru. 80,1925.

[6] JOHN BEZZINA, *Il-Qniepen ta' San Ġorġ t'Għawdex 1759-1788*, Programm tal-Festa ta' San Ġorġ Belt Victoria 1990, paġ. 19.

[7] A(rkivju) P(arroċċa) M(unxar), *Libro Introito ed Esito, Anni Ottobre 1925 a Maggio 1947*, fol.156.

[8] *Ibid.* (bħal qabel), fol.159.

[9] *Ibid.*, fol.155v.

[10] Vitor Vella twieled iż-Żebbuġ, Għawdex u ħaddan is-sengħa ta' bennej sa minn żogħżitu. Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu il-bini tal-kampnari, iż-żewġ kappelluni, il-kor, il-koppla u s- sagristija tal-knisja ta' Kerċem (1907-1910); il-knisja tal-Għasri miċ-ċinta 'l fuq, barra l-koppla u l-kampnari (1910-1914); is-Santwarju Bażilika 'Ta Pinu' (1919-1936); il-piramida tal-kampnar tal-Katidral (1923); is-salib, il-kor, is-saqaf, il-koppla u s-sagristija tal-knisja taż-Żebbuġ (1936-1942). Huwa miet fl-1956 fl-età ta' 78 sena.

[11] APM, *Libro Introito ed Esito, Anni Ottobre 1925 a Maggio 1947*, fol.155v.

[12] PAUL CURMI, *L-Ewwel Magħmudija*, "id-Dawl" nru 11 (Lulju-Diċembru 1988), paġ.5.

[13] APM, *Libro Introito ed Esito, Anni Ottobre 1925 a Maggio 1947*, fol.60r.

[14] Tagħrif mogħti lili minn Feliċ Debrincat.

[15] ANON, <u>*Qniepen f'Sant Anton*</u>, "Ix-Xagħra", Vol VIII.38 (Jannar-Marzu 1992), paġ.7.

[16] Tagħrif mogħti lili minn Dun Ġwann Sultana, ir-rettur attwali ta' din il-kappella.